# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar l-Erbgha 5 ta' Lulju 2023

**Rikors Nru : 223/2023 JPG**

**Kawza Nru : 32**

**SA**

**Vs**

**AA**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors tal-attur datat 20 ta' April 2023 a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewwgu fit-13 ta' Dicembru 1994 (Dok A – Att taz-Zwieg Nru 2306/1994) u minn dan iz-zwieg kellhom zewgt itfal, ossia JA (imwielda f'X) u MA (imwielda F'Y), li ghalhekk illum huma mhux biss maggorenni izda t-tnejn ghalqu it-tlieta u ghoxrin sena (23) sena.*

*Illi l-partijiet huma separati legalment b'kuntratt data 23 ta' Marzu 2016 fl-atti tan-Nutar Dottor Marco Farrugia (Dok B).*

*Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante li minbarra li ilhom iktar minn sitt (6) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin.*

*Illi fil-kuntratt ta' seprazzjoni fuq riferit il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt li jesigu manteniment minghand xulxin – klawsola IX tal-kuntratt.*

*Illi fir-rigward tal-manteniment li kien pagabbli lill-intimata mir-rikorrent ghat-tfal tal-partijiet, ir-rikorrent jikkonferma li ma hemm ebda arretrati ta' manteniment dovut.*

*Illi l-fatti fuq imsemmija jissodisfaw l-kondizzonijiet kollha mehtiega ghal ksib ta' divorzju skont l-Artikolu 66B tal- tal-Kodici Civili.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*
2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex, fiz-zmien prefiss ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata datata 17 ta' Mejju 2023, a fol 16 li taqra hekk:

*Ili l-esponenti taqbel li jezistu l-elementi kollha ghal ilqugh tat-talba ghal pronunzjament ta' divorzju u taqbel ukoll mal-fatti msemmija mir-rikorrent fir-rikors promotur u ghalhekk tiddikjara li ma ghandhiex oggezzjoni ghat-talba ta' divorzju maghmula mill-istess rikorrent.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota kongunta tal-partijiet datata 30 ta' Gunju 2023;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehed** (vide nota fol 20) illi l-partijiet izzewgu nhar it-13 ta' Dicembru 1994, u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal illum maggiorenni. Sostna illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Marco Farrugia nhar it-23 ta' Marzu 2016. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (vide nota fol 21) u kkonfermat u korroborat dak li xehed l-attur.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***

***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***

***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-13 ta' Dicembru 1994 liema zwieg jgib certifikat numru 2306/1994 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 4). Minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li llum huma maggiorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni

personali ppubblikat fl-atti tan-Nutar Dr Marco Farrugia nhar it-23 ta' Marzu 2016 (Vide fol 5 et seqq.) Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2306/1994 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**